# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Settembru 2009**

**li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE fir-rigward ta' paġni ta' tagħrif ibbażati fuq l-Internet li fihom listi ta' stabbilimenti u laboratorji approvati mill-Istati Membri bi qbil mal-leġislazzjoni veterinarja u żooteknika tal-Komunità**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6950)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/712/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini u suwini ([1]), u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 6a, l-Artikoli 11(6) u 13(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar l-annimali bovini ta' razza pura għat-tnissil ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti għas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ u l-importazzjonijiet intra-Komunitarji tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina ([3]), b'mod partikulari l-Artikoli 5(3) u 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar il-livelli żootekniċi applikabbli għall-annimali tat-tnissil tar-razza tal-porċini ([4]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 4a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 dwar in-nagħaġ u l-mogħoż ta' razza pura għat-tnissil ([5]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina u l-importazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3) u 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tal-ekwidi ([7]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kummerċ fl-ekwidi intiżi għall-kompetizzjonijiet u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'dan ([8]) il-qasam, u b'mod partikolari fl-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti għas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina u l-importazzjonijiet tiegħu ([9]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3) u 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([10]), u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 6a,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet ta' sahha tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ Intra-Komunitarju f'annimali ovini u kaprini ([11]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a (6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8b(5) tagħha,

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
([2]) ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8.
([3]) ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10.
([4]) ĠU L 382, 31.12.1988, p. 36.
([5]) ĠU L 153, 6.6.1989, p. 30.
([6]) ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1.
([7]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 55.
([8]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 60.
([9]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.
([10]) ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.
([11]) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE, u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabbilixxi regoli u miżuri ta' kontroll biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż-żwiemel ([2]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni li ma humiex suġġetti għal rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali kif stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([3]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(4), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(2)(d) u l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 17(3)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle ([4]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji ġenerali għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(7),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika responsabbli li tistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi li jissorveljaw l-effikaċja tal-vaċċini kontra l-idrofobja ([7]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ([8]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(1)(b) tagħha,

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
([2]) ĠU L 157, 10.6.1992, p. 19.
([3]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
([4]) ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1.
([5]) ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69.
([6]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.
([7]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.
([8]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u li temenda d-Direttiva 92/119/KEE fir-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-ħnieżer ([9]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza avjarja u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE ([10]), u b'mod partikolari l-Artikolu 51(2) tagħha,

Billi:

(1) Il-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom huwa permess biss minn stabbilimenti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Komunità u huma approvati għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jinsabu.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li tissemplifika l-proċeduri ta' elenkar u pubblikazzjoni ta' tagħrif fl-oqsma veterinarji u żooteknići ([11]) tistipula li l-Istati Membri għandhom jikkompilaw u jaġġornaw il-listi ta' stabbilimenti approvati fl-oqsma veterinarji u żooteknići u jagħmluhom disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

(3) Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/73/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu lill-Istati Membri l-oħra u lill-pubbliku tagħrif aġġornat dwar il-laboratorji ta' referenza nazzjonali u ċerti laboratorji oħra li ntgħażlu skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Komunità.

(4) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-Istati Membri l-oħra u mill-pubbliku għal-listi ta' stabbilimenti u laboratorji approvati, il-listi għandhom isiru disponibbli b'mod elettroniku mill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet.

(5) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-Istati Membri biex dawn il-listi jagħmluhom disponibbli lill-Istati Membri l-oħra u lill-pubbliku billi tipprovdi l-indirizz ta' websajt fuq l-internet li turi l-ħoloq nazzjonali tal-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet tal-Istati Membri.

(6) Sabiex ikun iffaċilitat l-iskambju ta' tagħrif b'mezzi elettroniċi bejn l-Istati Membri, u biex ikunu żgurati t-trasparenza u l-intelliġibilità, huwa importanti li l-listi jkunu ppreżentati b'mod uniformi mal-Komunità kollha. Mudelli li juru t-tqassim tal-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet għandhom għaldaqstant jintbagħtu fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

([9]) ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27.
([10]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([11]) ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40.

(7) Fil-każ tal-ekwidi, il-format tal-lista ta' entitajiet approvati u magħrufa li jżommu jew jistabbilixxu reġistri bir-razez taż-żwiemel li jridu jiġu kkompilati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/427/KEE għandu wkoll jipprovdi t-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward ta' metodi għall-identifikazzjoni tal-ekwidi ([1]) u għandu jkun jista' jiġi adattat b'mod ħafif għal-listi ta' entitajiet oħra li joħorġu dokumenti ta' identifikazzjoni għal ekwidi reġistrati jew ekwidi għat-tnissil u l-produzzjoni.

(8) B'referenza għall-Artikolu 2(2)(o) tad-Direttiva 64/432/KEE, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([2]) jimplika l-obbligu li jiġu elenkati ċentri ta' ġbir approvati għall-kummerċ fl-ekwidi inklużi swieq jew ċentri ta' tqassim.

(9) Id-Direttiva 2008/73/KE trid tiġi trasposta mill-Istati Membri mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2010. Skont dan, il-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet għandhom ikunu disponibbli sa din id-data.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/846/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi mudell għal-listi tal-entitajiet approvati mill-Istati Membri bi qbil mad-dispożizzjonijiet varji tal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Komunità, u r-regoli li japplikaw għat-trażmissjoni ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni ([3]), tistabbilixxi mudell komuni għal-listi ta' ċerti entitajiet approvati mill-Istati Membri u r-regoli li japplikaw għat-trażmissjoni ta' dawn il-listi.

(11) F'isem iċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, id-Deċiżjoni 2007/846/KE għandha tiġi revokata u sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u l-Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-Internet**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2010 paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet sabiex jagħmlu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku l-listi tal-istabbilimenti u laboratorji li ġejjin li huma approvati, magħrufa jew b'mod ieħor magħżula skont id-Direttivi elenkati fl-Anness I ('approvazzjoni'):

(a) stabbilimenti fil-qasam veterinarju kif stabbilit fil-Kapitolu 1 tal-Anness II;

(b) stabbilimenti fil-qasam żootekniku kif stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness II; kif ukoll

(c) laboratorji kif stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness II.

2. Il-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness II u bir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fl-Anness III.

3. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-paġni ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet biex jinkludu kull approvazzjoni ġdida u kull sospensjoni jew revoka ta' stabbilimenti u laboratorji fejn dawn ma jkunux aktar konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-indirizz tal-Internet tal-paġni ta' tagħrif tagħhom imqiegħda fuq l-internet.

*Artikolu 2*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2007/846/KE hi revokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.
([3]) ĠU L 333, 19.12.2007, p. 72.

*ANNESS I*

## KAPITOLU 1

### Leġislazzjoni veterinarja

Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi ta' saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina u l-importazzjonijiet tiegħu

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina u l-importazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni tal-ekwidi minn pajjiżi terzi

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina u l-importazzjonijiet tiegħu

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' tjur u bajd tat-tifqis u l-importazzjonijiet tagħhom minn pajjiżi terzi

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ovini u kaprini

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabbilixxi r-regoli u l-miżuri għall-kontroll u l-ġlieda kontra l-Marda Afrikana taż-Żwiemel

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' annimali, semen, bajd (ova) u embrijuni u l-importazzjonijiet tagħhom fil-Komunità li ma humiex soġġetti għal rekwiżiti ta' saħħa tal-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali tal-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u miżuri speċifiċi dwar il-marda tal-infafet tal-ħnieżer

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istitut speċifiku responsabbli biex jistabbilixxi l-kriterji meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tat-testijiet seroloġiċi li jissorveljaw l-effikaċja tal-vaċċini kontra l-idrofobija

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u li temenda d-Direttiva 92/119/KE għal dak li għandu x'jaqsam mal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-ħnieżer

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE

## KAPITOLU 2

### Leġislazzjoni żooteknika

Id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali puri tar-razza tal-ispeċi tal-ifrat għat-tagħmir

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar standards żootekniċi applikabbli għal annimali għat-tgħammir tal-ispeċi porċina

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 dwar nagħaġ u mogħoż ta' razza pura għat-tgħammir

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-ekwidi

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kummerċ fl-ekwidi intiżi għall-kompetizzjonijiet u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fihom

*ANNESS II*

## KAPITOLU 1

STABBILIMENTI FIL-QASAM VETERINARJU

### I. Ċentri ta' ġbir

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ġbir approvati għal kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u l-ħnieżer (Direttiva 64/432/KEE), l-ekwidi (Direttiva 90/426/KEE), annimali ovini u kaprini (Direttiva 91/68/KEE) | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Speċi | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

### II. Konċessjonarji

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' konċessjonarji approvati u bini reġistrat użat mill-konċessjonarji fil-kuntest tan-negozju tagħhom (Direttivi 64/432/KEE u 91/68/KEE) | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Speċi | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

### III. Ċentri ta' ġbir u ħażna ta' semen

(a) *Ċentri ta' ġbir ta' semen bovina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ġbir ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina (Direttiva 88/407/KEE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | |

(b) *Ċentri ta' ħażna ta' semen bovina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ħażna ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina (Direttiva 88/407/KEE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>℻<br>@<br>www | |

(c) *Ċentri ta' ġbir ta' semen porċina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ġbir ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina (Direttiva 90/429/KEE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>℻<br>@<br>www | |

(d) *Ċentri ta' ġbir ta' semen ovina u kaprina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ġbir ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ovina u kaprina (Direttiva 92/65/KEE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>℻<br>@<br>www | |

(e) *Ċentri ta' ħażna ta' semen ovina u kaprina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' ċentri ta' ħażna ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ovina u kaprina (Direttiva 92/65/KEE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>℻<br>@<br>www | |

(f) *Ċentri ta' ġbir ta' semen ekwina*

| … Stat Membru *(daħħal l-isem)* | | … Lista ta' ċentri ta' ġbir ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ekwina (Direttiva 92/65/KEE) | | … Verżjoni *(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| … Numru ta' approvazzjoni | … Data ta' approvazzjoni | … Isem | … Dettalji ta' Kuntatt | … Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>Fax<br>@<br>www | |

(g) *Ċentri ta' ħażna ta' semen ekwina*

| … Stat Membru *(daħħal l-isem)* | | … Lista ta' ċentri ta' ħażna ta' semen approvati għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ekwina (Direttiva 92/65/KEE) | | … Verżjoni *(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| … Numru ta' approvazzjoni | … Data ta' approvazzjoni | … Isem | … Dettalji ta' Kuntatt | … Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>Fax<br>@<br>www | |

IV. **Gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijuni**

(a) *Gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijuni bovini*

| … Stat Membru *(daħħal l-isem)* | | … Lista ta' gruppi approvati ta' ġbir u/jew produzzjoni ta' embrijuni (*immarka kif xieraq*) għall-kummerċ intr-Komunitarju fl-embrijuni u l-ova ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina (Direttiva 89/556/KEE) | | | | … Verżjoni *(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| … Numru ta' approvazzjoni | … Data ta' approvazzjoni | … Isem | … Dettalji ta' Kuntatt | … Ġbir | … Produzzjoni | … Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>Fax<br>@<br>www | ☐ | ☐ | |

(b) *Gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijuni ekwini*

| … Stat Membru *(daħħal l-isem)* | | … Lista ta' gruppi approvati ta' ġbir u/jew produzzjoni ta' embrijuni (*immarka kif xieraq*) għall-kummerċ intr-Komunitarju fl-embrijuni u l-ova ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ekwina (Direttiva 92/65/KEE) | | | | … Verżjoni *(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| … Numru ta' approvazzjoni | … Data ta' approvazzjoni | … Isem | … Dettalji ta' Kuntatt | … Ġbir | … Produzzjoni | … Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>Fax<br>@<br>www | ☐ | ☐ | |

(c) *Gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijuni ovini u kaprini*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' gruppi approvati ta' ġbir u/jew produzzjoni ta' embrijuni (*immarka kif xieraq*) għall-kummerċ intr-Komunitarju fl-embrijuni u l-ova ta' annimali domestiċi tal-ispeċi ovina u kaprina (Direttiva 92/65/KEE) | | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Ġbir | …<br>Produzzjoni | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | ☐ | ☐ | |

(d) *Gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijuni porċini*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' gruppi approvati ta' ġbir u/jew produzzjoni ta' embrijuni (*immarka kif xieraq*) għall-kummerċ intr-Komunitarju fl-embrijuni u l-ova ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina (Direttiva 92/65/KEE) | | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Ġbir | …<br>Produzzjoni | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | ☐ | ☐ | |

V. **Ċentri jew faċilitajiet ta' kwarantina**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' faċilitajiet jew ċentri approvati ta' kwarantina għall-importazzjoni ta' għasafar għajr tjur (Direttivi 92/65/KEE u 91/496/KEE) | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem l-unità veterinarja lokali kompetenti (UVL) | …<br>Numru ta' traċċi UVL | …<br>Dettalji ta' kuntatt UVL | …<br>Kummenti |
| | | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | |

## VI. **Stabbilimenti għal tjur**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' stabbilimenti għal tjur (*immarka kif xieraq*) (Direttiva 90/539/KEE) | | | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Maqfas | …<br>Tgħammir | …<br>Trobbija | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>🖷<br>@<br>www | ☐ | ☐ | ☐ | |

## VII. **Entitajiet, istituti u ċentri**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | | …<br>Lista ta' entitajiet, istituti u ċentri approvati għal kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 92/65/KEE | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Numru ta' approvazzjoni | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>🖷<br>@<br>www | |

# KAPITOLU 2

STABBILIMENTI FIL-QASAM ŻOOTEKNIKU

## I. **Entitajiet approvati u magħrufa għaż-żamma jew it-twaqqif ta' reġistri tar-razez tal-ifrat, tal-imrieħel jew taż-żwiemel.**

(a) *Speċi bovina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 77/504/KEE magħrufa uffiċjalment għall-fini taż-żamma jew twaqqif ta' reġistri tar-razzez tal-ifrat | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Isem tar-razza(razzez) | …<br>Kummenti |
| | | ✉<br>☎<br>🖷<br>@<br>www | | |

(b) *Speċi porċina (ħnieżer tat-tgħammir ta' razza pura)*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 1(c) tad-Direttiva 88/661/KEE magħrufa uffiċjalment għaż-żamma ta' reġistri tar-razez tal-ifrat | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Isem tar-razza(razez) | …<br>Kummenti |
| | | ✉<br>☎<br>🖷<br>@<br>www | | |

(c) *Speċi porċina (ħnieżer tat-tgħammir ibridi)*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 1(d) tad-Direttiva 88/661/KEE magħrufa uffiċjalment għaż-żamma ta' reġistri | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Kummenti |
| | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | |

(d) *Speċi ovina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 89/361/KEE magħrufa uffiċjalment għall-fini taż-żamma jew twaqqif ta' reġistri tar-razez tal-imrieħel | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Isem tar-razza (razzez) | …<br>Kummenti |
| | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

(e) *Speċi kaprina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 89/361/KEE magħrufa uffiċjalment għall-fini taż-żamma jew twaqqif ta' reġistri tar-razez tal-imrieħel | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Isem tar-razza (razez) | …<br>Kummenti |
| | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

(f) *Speċi ekwina*

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 90/427/KEE approvati jew magħrufa uffiċjalment għaż-żamma jew it-twaqqif ta' reġistri tar-razez taż-żwiemel | | | | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| …<br>UELN b'sitt ċifri - kodiċi ta' identifikazzjoni kompatibbli tad-dejtabejż | …<br>Isem | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Isem ir-razza | …<br>Reġistru tal-oriġini tar-razza taż-żiemel | …<br>Kummenti |
| | | | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | | |

II. **Kriterji stabbiliti għat-tqassim ta' fondi għas-salvagwardja, l-iżvilupp u t-titjib tar-razza**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Kriterji stabbiliti għat-tqassim ta' fondi għas-salvagwardja, l-iżvilupp u t-titjib tar-razza (Direttiva 90/428/KEE) | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|
| | | |

III. **Kompetizzjonijiet ekwini li jaqgħu taħt id-deroga mill-prinċipju ta' ebda diskriminazzjoni**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Dixxiplina ekwestri | …<br>Għadd ta' kompetizzjonijiet li jaqgħu taħt id-deroga skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE | …<br>sena<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|
| | | | |

**KAPITOLU 3**

LABORATORJI

I. **Laboratorji nazzjonali ta' referenza**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza (Direttivi 64/432/KEE, 90/539/KEE, 92/35/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 2000/75/KE, 2001/89/KE, 2002/60/KE u 2005/94/KE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Direttiva | …<br>Marda |
| | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

II. **Laboratorji oħra**

| …<br>Stat Membru<br>*(daħħal l-isem)* | …<br>Lista ta' laboratorji approvati biex iwettqu t-testijiet seroloġiċi li jissorveljaw l-effikaċja tal-vaċċini kontra l-idrofobija (Direttiva 2000/258/KE) | | …<br>Verżjoni<br>*(daħħal id-data)* |
|---|---|---|---|
| …<br>Isem | …<br>Dettalji ta' Kuntatt | …<br>Data ta' approvazzjoni | …<br>Kummenti |
| | ✉<br>☎<br>📠<br>@<br>www | | |

*ANNESS III*

1. L-intestatura ta' kull paġna ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet għandha tindika isem l-Istat Membru u d-data tal-verżjoni tal-lista bil-format li ġej jj/xx/ssss.

2. L-intestatura ta' kull paġna ta' tagħrif imqiegħda fuq l-internet għandha ssir fil-lingwa Ingliża u fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru.

3. Fejn irid jinħareġ numru ta' approvazzjoni jew reġistrazzjoni, dan għandu jkun uniku fi ħdan il-kategorija u l-entitajiet għandhom ikunu elenkati kemm jista' jkun f'ordni loġika.

4. Kull tagħrif dwar stabbiliment jew laboratorju (pereżempju sospensjoni, revoka … eċċ) li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku għandu jsir taħt il-kolonna "kummenti".